MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 426/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Joe Decelis**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Joe Decelis ta' 26 sena bin Harold u Maria Dolor nee' Spiteri, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Jannar 1983 u residenti Blk C Flt 6, Triq Binja Hesri, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita' numru 48683(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar id-29 ta' April 2009, ghall-habta tas-2.00am, fil-Hamrun, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq minn go residenza 54 fi Triq Dun Nerik Cordina Perez, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni

tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' William Schembri;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq mill-istabiliment 'Silver Play', fi Triq Dun Nerik Cordina Perez, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Alex Vella;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fir-residenza u stabiliment hawn fuq imsemmija, liema hsara tiskorri elf u mija u tnejn u sittin ewro (1162);

4. Kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22.2.08, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sittax-il xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 29 ta' Lulju, 2010 (esebita a fol. 148 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b),(c),(f), 263(a), 264, 266, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b),(c),(f), 263(a), 264, 266, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ; u
(d) fl-artikolu 23 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikolu 17 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2011, l-imputat Joe Decelis ddikjara li hu m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw attentat ta' serq li sehh fid-29 t'April, 2009 ghall-habta tas-2.00am minn gewwa residenza li tinsab f'numru 54, Triq Dun Nerik Cordina Perez, il-Hamrun kif ukoll minn stabbiliment bl-isem ta' Silver Play li huwa l-fond agjacenti u sottostanti ghall-imsemmi fond numru 54. Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2009, jirrizulta li fl-imsemmija data dahlet telefonata lil Pulizija fejn gew infurmati li kienet qed issir serqa mill-hanut Silver Play. Meta l-Pulizija tal-Mobile Squad marru fuq il-post sabu l-bieb tal-hanut intatt izda setghu jinnutaw li l-bieb tal-fond agjacenti, u cioe tan-numru 54, kien sgassat.  Waqt li huma kienu qed jiccirkondaw il-post min-naha ta' wara raw li kien hemm tlieta min-nies qed jippruvaw jaharbu minn fuq il-post, li wiehed minnhom kien l-imputat, tnejn irnexxilhom jaharbu filwaqt li l-imputat gie mwaqqaf milli jahrab u arrestat mill-Pulizija. Mix-xhieda ta' PS 426 Anthony Portelli li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2009 jirrizulta li l-imputat instab fuq cint divizorju bejn il-bitha tar-residenzi 54 u 56 u huwa gie ordnat mill-Pulizija sabiex jieqaf u jinzel u huwa obda u gie arrestat.  Mix-xhieda ta' PC 525 Charlton Falzon Cascun li wkoll xehed waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2009 irrizulta li l-imputat kellu l-hwejjeg mimlijin trab li dan ix-xhud iddeskriva bhala trab ta' meta wiehed ikun qed iqatta fil-gebel jew jaqla' minn gewwa l-art.  Meta l-Pulizija accedew fil-fond numru 54  sabu li kien sar attentat sabiex jinqala' kantun mit-tarag izda dan ma

rnexxiex u sabu wkoll li f'kamra tas-sodda tal-fond numru 54 li kienet tigi ezatt fuq il-hanut Silver Play inqalghu madwar tlett metri madum mill-art, tnehhiet it-torba u kienu qed jippruvaw jaqilghu ix-xorok sabiex ikunu jistghu jaccedu ghall-fond Silver Play.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat wara li gie arrestat irrilaxxja stqarrija nserita a fol. 48 sa 49 tal-atti processwali fejn huwa ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu u waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2011 huwa ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat :

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bl-attentat ta' serq kemm mill-fond 54, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun kif ukoll mill-fond Silver Play fl-istess triq. Il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien involut fl-attentat ta' serq kemm mill-fond 54, kif ukoll mill-hanut Silver Play. Huwa fil-fatt instab qed jipprova jahrab min-naha ta' wara tal-fond numru 54 u kellu l-hwejjeg mimlijn trab tat-torba. Dawn huma provi li ma jhallu l-ebda dubju li huwa kien wiehed mill-persuni li sgassaw u dahlu fil-fond numru 54 u kienu wkoll qed jippruvaw jidhlu fil-fond Silver Play sakemm ma gew interroti mill-Pulizija li waslu fuq il-post ghaliex gew allertati mill-girien li semghu il-hsejjes tal-malviventi qed jaqilghu il-madum u t-torba u jippruvaw jaqilghu x-xorok. Mill-provi migjuba mill-Pulizija rrizulta li l-fond numru 54 ghalkemm ma kienx abitat kien fih affarijiet bhal ghamara u oggetti ohra ta' certu valur li setghu jinsterqu u l-Qorti ghalhekk jidrilha li l-attentat ta' serq kien jirrigwarda kemm il-fond numru 54 kif ukoll il-hanut Silver Play. Irid jigi rilevat inoltre li c-cirkostanzi li nstab fihom l-imputat ma jhallu l-ebda dubju li huwa kien qieghed hemm ghaliex kien wiehed mill-malviventi. Dan jinghad ghaliex wiehed difficilment jista' jsib raguni ohra il-ghala bniedem bil-hwejjeg kollha trab jinstab fis-saghtejn ta' filghodu fuq cint divizorju ta' zewgt ibtiehi li m'ghandu ebda konessjoni maghhom, hlief li ovvjament huwa kien qieghed hemm

sabiex jisraq. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati kemm tal-ewwel (1) kif ukoll tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu. Mill-provi rrizulta wkoll li giet kagunata hsara volontarja fil-fond numru 54 izda din il-hsara volontarja ser titqies li kienet mezz ghall-fini tal-ewwel zewg imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinstab hati u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Permezz tar-raba'(4) imputazzjoni l-imputat jinsab ukoll akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Frar, 2008 fejn ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta huwa gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sittax(16)-il xahar mid-data tas-sentenza. Mill-provi migjuba mid-Difiza[1] jirrizulta li din il-Qorti kif diversament presjeduta diga trattat mal-imputat in kwantu jirrigwarda il-ksur tal-imsemmija kundizzjonijiet u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) imputazzjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mix-xhieda ta' Manwel Scicluna r-rapprezentant tal-Caritas li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 t'Ottubru, 2011 li l-imputat beda' u spicca b'success programm sabiex jeghleb il-problema li kellu tal-abbuz mid-droga u li llum il-gurnata sab impjieg fiss u ghadu jattendi l-Caritas fejn jittiehdulu urine tests b'mod regolari li lkoll jirrizultaw negattivi. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li m'ghandhiex tiddisturba l-progress maghmul mill-imputat u sejra ghalhekk tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tad-29 ta' Lulju, 2010 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 261(b),(c),(f), 263(a), 264, 266, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2),325(a) u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2) u tat-tielet(3), imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li

[1] Ara kopja tas-sentenza inserita a fol. 159 et sequitur tal-atti processwali.

b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum. Stante li mill-provi rrizulta li permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-5 ta’ Mejju, 2011 il-Qorti diga’ trattat mal-imputat in kwantu jirrigwarda l-ksur tal-kundizzjonijiet ndikati fir-raba’(4) mputazzjoni l-Qorti tastjeni mill tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------